MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru. 63/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**CARMELO VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Vella, bin Paul u Tereza nee’ Pace, mwieled Msida nhar it- 8 ta’ Jannar 1954, residenti fil- fond 41, Triq Misrah il- Barrieri, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 68054(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 15 ta' Settembru 2008, ghall- habta tat-15.30, fi Triq tul il- Kosta, Bahar ic- Caghaq, Naxxar, kien qed isuq vettura b'numru tar- registrazzjoni MKL 010;

1) b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tarr- regolamenti tat- traffiku habat ma' vettura RMW 002, u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Raymond Mizzi;

2) u aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat- traffiku involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Raymond Mizzi skond ma' ccertifika Dr. Godfrey Azzopardi MD ta' MDH.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti ma rrisultax li l-imputat kien responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni naqset milli tilhaq il-grad ta' prova rikjest mil-ligi sabiex tinstab htija, l-imputat xorta ghazel li jixhed in difesa, u kemm hu kif ukoll l-istess vittma tal-incident, Raymond Mizzi, qablu fil-verzjoni taghhom. Mizzi kien qed isuq mutur fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fl-istess direzzjoni, ftit lura minn Mizzi. It-tnejn kienu ghaddejjin b' velocita' minima ghall-ahhar, u l-imputat gie

biex jaghmel manuvra ta’ “overtaking”. Jidher li din il-manuvra saret korrettement, izda meta l-imputat gie hdejh biex jibqa’ ghaddej, ghal xi raguni Mizzi tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u habit mal-vettura tal-imputat, u waqa’ u sofra l-griehi indikati. Mid-dinamika tal-incident, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat. Ma rrisulta ebda traskuragni jew negligenza kontributorja, jew b’ xi mod xi nuqqas da part ital-imputat. Fil-fehma tal-Qorti dan kien incident purament fortuwitu, u ma kien tort assolutament ta’ hadd mill-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 328 (b) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqsant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------